MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-5 ta' Diċembru, 2018

Rikors Maħluf Numru 795/2015 LM

**Nadia Bugeja (ID numru 245071M)**

***vs.***

**Corinne Wood (ID numru 179267M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fid-19 t'Awwissu, 2015 mill-attriċi **Nadia Bugeja** (ID 245071M) (minn issa 'l quddiem "l-attriċi"), u maħluf minnha stess li jgħid kif ġej:

1. *Illi fl-10 ta' Ottubru, 2012 fi Triq Ġorġ Borg Olivier, San Ġiljan, waqt li r-rikorrenti Nadia Bugeja kienet qiegħda fil-vettura Mitsubishi Lancer bin-numru ta' Reġistrazzjoni ABT 098, daħlet fiha l-vettura Toyota Aygo bin-numru ta' reġistrazzjoni HBH 268 misjuqa mill-intimata;*

2. *Illi dan l-inċident seħħ minħabba traskuraġni, imprudenza u nuqqas ta' osservanza tar-regoli tat-traffiku da parte tal-intimata;*

3. *B'konsegwenza ta' dan l-inċident, ir-rikorrenti sofriet danni inġenti fuq il-persuna tagħha, ġrieħi ta' natura serja li jwasslu għal debilità permanenti u li għalhekk hija sofriet danni attwali kif ukoll danni futuri lucrum cessans;*

4. *L-istess intimata u l-assikurazzjoni tagħha interpellati sabiex jersqu għal-likwidazzjoni ta' danni sofferti mir-rikorrenti, baqgħu inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Tgħid għalhekk l-intimata għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimata Corinne Wood kienet unikament responsabbli għall-inċident tat-traffiku li seħħ bejn il-partijiet fl-10 ta' Ottubru, 2012, fi Triq Ġorġ Borg Olivier, San Ġiljan u għad-danni konsegwenzjali li ġarrbet ir-rikorrenti bħala riżultat ta' dan l-inċident;*

2. *Tillikwida dawn id-danni okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

3. *Tordna li l-intimata tiġi kkundannata tħallas lir-rikorrenti dawk id-danni li jiġu hekk likwidati kif fuq intqal flimkien mal-imgħaxijiet legali;*

4. *Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittri legali u dawk tal-ittra uffiċjali datata 26 ta' Awwissu, 2014 kontra l-intimata li hi inġunta għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuta **it-tabiba Corinne Wood** (ID numru 179267M) (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta"), li ġiet ippreżentata fit-2 ta' Settembru, 2015, u maħlufa minnha stess, li biha eċċepiet:

1. *Illi referibbilment għall-ewwel talba tal-attriċi, l-esponenti tirrileva illi dwar ir-responsabbilità għall-inċident tat-traffiku li seħħ fl-10 ta' Ottubru, 2012 ġewwa San Ġiljan, l-esponenti tramite l-assikurazzjoni tagħha, GasanMamo Insurance Limited, ġia ammettiet it-tort għal dan l-istess inċident, tant huwa hekk illi hija ġia ħallset in parte għad-danni subiti mill-attriċi u bintha (ara Dok. D). Konsegwentement l-intimata ma għandhiex tbati l-ebda spejjeż ġudizzjarji f'dan ir-rigward;*

2. *Illi referibbilment għat-tieni talba tar-rikorrenti, u ċioe dik għal-likwidazzjoni tad-danni li qed titlob l-istess rikorrenti bħala konsegwenza tal-allegati ġrieħi li hija sofriet f'dan l-inċident, l-esponenti tirrileva illi meta seħħ l-inċident, li kien wieħed żgħir għal kollox (ara Dok. B u Dok. C) u dana kif sejjer jiġi spjegat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-*

*kawża – għalhekk l-esponenti li hija tabiba ma tistax tifhem kif ir-rikorrenti bħala konsegwenza tal-inċident qed tallega li kellha whiplash injury u debilità ta' 20%;*

3. *Illi oltre dan, l-esponenti tirrileva illi skont l-ispeċjalista li eżamina lill-attriċi wara l-inċident u ċioe Mr. Frederick Zammit Maempel, hija kellha biss bħala riżultat tal-inċident debilità ta' 1% u mhux ta' 20% kif hija qed tallega u dana billi qabel l-inċident hija kellha diversi interventi mediċi (ara rapport ta' Mr. Frederick Zammit Maempel, Dok. C taħt il-Kap 'opinion') (inklużi dawk riżultanti minn inċident tat-traffiku ieħor li ġara fl-1 ta' Mejju, 1997, operazzjoni li ġrat fid-29 ta' Lulju, 2005, kif ukoll kura għal whiplash injury li ġara xi xahrejn qabel l-inċident tat-traffiku in kwistjoni), liema interventi waħedhom wasslu għad-debilità li hija qed tallega f'dawn il-proċeduri;*

4. *Illi dwar id-danni attwali (damnum emergens) ir-rikorrenti ma ppreżentat l-ebda riċevuta in sostenn tat-talbiet tagħha, u kwindi għandu jirriżulta illi hija m'hija qiegħda tippretendi xejn f'dan ir-rigward;*

5. *Illi in vista tas-suespost u bla preġudizzju tal-istess, it-talbiet tal-attriċi fil-konfront tal-esponenti, partikolarment fejn dawn jirrigwardaw kemm il-likwidazzjoni tad-danni kif ukoll il-ħlas ta' dak l-ammont likwidat, dawn għandhom kollha jiġu miċħuda bl-ispejjeż u dana billi skont sentenza mogħtija fl-ismijiet* ***Carmel Debattista vs. Charles Attard (Ċit. Nru. 1075/1995 AJM),*** *"il-perċentaġġ tant huwa żgħir li ma jkunx realistiku li ssir referenza għall-introjtu tal-attur biex jiġu likwidati d-danni taħt il-kap ta' lucrum cessans ... ikun iżjed opportun li tiġi likwidata somma arbitrio boni viri mill-istess Qorti u fiċ-ċirkostanzi qed tiġi likwidata fis-somma ta' LM200".*

6. *Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-27 ta' Ġunju, 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

## Il-kwistjoni bejn il-partijiet

L-attriċi ppreżentat din il-kawża wara inċident li seħħ fi Triq Ġorġ Borg Olivier ġewwa San Ġiljan li fih kienu involuti l-vetturi tal-partijiet. L-attriċi talbet lill-Qorti tiddikjara li l-konvenuta hi responsabbli għall-inċident li seħħ fl-10 ta’ Ottubru, 2012, u li konsegwenza tiegħu l-attriċi sofriet debilità permanenti, kif ukoll sabiex il-Qorti tgħaddi għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attriċi b’konsegwenza tal-inċident imsemmi u sabiex tikkundanna lill-konvenuta tersaq għall-ħlas ta’ dawn id-danni. Il-konvenuta min-naħa tagħha eċċepiet li hi kienet diġà aċċettat ir-responsabbilità tagħha għall-akkadut, tant li ħallset parti mid-danni subiti mill-attriċi u dan tramite s-soċjetà tal-assigurazzjoni tagħha. Il-konvenuta madanakollu kkontestat il-perċentwal ta’ diżabilità soffert mill-attriċi u l-*quantum* tad-danni pretiżi minnha.

## Provi u riżultanzi

Kontestwalment mar-rikors promutur l-attriċi esebiet kopja ta’ rapport mediku redatt mill-konsulent ortopediku **Mr Thomas Azzopardi**[1], li eżamina lill-attriċi fl-20 ta’ Awwissu, 2014, u għalhekk madwar tnejn u għoxrin xahar wara li seħħ l-inċident. Ix-xhud wara li tkellem mal-attriċi kkonstata li l-inċident inkwistjoni seħħ fl-10 ta’ Ottubru, 2012 waqt li l-attriċi kienet wieqfa fit-traffiku u baqgħet

[1] *A fol.* 4 tal-proċess.

dieħla fiha l-vettura misjuqa mill-konvenuta li kienet ġejja b'ċerta veloċità. Ix-xhud jgħid li konsegwenza ta' dan l-inċident l-attriċi sofriet *whiplash injury* u dan minkejja li dak il-ħin kienet liebsa *seatbelt.* Mr Azzopardi jgħid li l-attriċi spjegatlu kif fil-ħin ta' wara l-inċident kellha bżonn l-għajnuna biex tinħareġ mill-vettura tagħha, u kif minkejja li setgħet timxi, kienet storduta ħafna. L-attriċi marret l-Isptar fejn sarulha xi testijiet mediċi, u wara ntbagħtet id-dar b'kullar ma' għonqha. Mr Thomas Azzopardi stabbilixxa li l-attriċi baqgħet issofri minn uġigħ kontinwu akkumpanjat minn spażmi minn spallejha għal idejha u tnemnim fis-swaba', tant li jiġu ġranet li fihom tbati ħafna biex terfa' l-affarijiet u l-uġigħ jintensifika mal-lejl tant li jiġu ġranet li lanqas tkun tista' torqod. L-attriċi infurmat lix-xhud Mr Thomas Azzopardi li minkejja li hi kienet mara tad-dar, hi bdiet tiffaċċja diffikultajiet biex tagħmel it-tisjir, tindif, it-tiwi tal-ħwejjeġ, ix-xiri u xogħol ieħor tad-dar, tant li kellha ġġib l-għajnuna fid-dar u għandha bżonn l-għajnuna anki fis-sewqan. Minn wara l-inċident ukoll, l-attriċi għandha bżonn l-għajnuna biex tagħmel l-affarijiet tal-ħajja personali tagħha, u saħansitra kellha diffikultà tagħmel użu minn kompjuter minħabba fil-mod kif tħoss l-uġigħ jintensifika. L-attriċi qalet ukoll li l-uġigħ iżommha lura milli tissoċjalizza u dan minħabba li la tista' ddum bilqiegħda u lanqas bilwieqfa għal tul ta' ħin.

Ix-xhud Mr Thomas Azzopardi kkonstata li l-attriċi kienet għamlet intervent kirurġiku f'daharha madwar tmien snin qabel l-inċident minħabba li kienet issofri minn uġigħ fin-nerv xjatiku, u li dan l-intervent kien irnexxa, tant li wara li għamlet dan l-intervent is-sintomi li kienet issofri minnhom marru għalkollox.

Mill-eżami kliniku li sar mix-xhud fuq l-attriċi, irriżulta li din kellha –

> *"... marked tenderness over the mid-cervical spine and both trapezii. Cervical spine range of motion was grossly restricted with 50% of forward flexion, 30%*

> *of lateral flexion, 40% of lateral rotation and no extension, compared to the normal range of motion. Neurological examination of both upper limbs revealed grade 4+ finger abductor weakness on the left ... She was also markedly tender over the medial epicondyle, suggestive of a medial epicondylitis."*

Ix-xhud Mr Thomas Azzopardi kkonkluda li dak kollu li kkonstata waqt l-eżami mediku li għamel fuq l-attriċi kien kompatibbli mal-feriti sofferti minnha f'għonqha u f'daharha. Hu kkonkluda li konsegwenza ta' dan l-inċident l-attriċi ser tibqa' tbati minn sintomi kroniċi u li fl-opinjoni tiegħu din sofriet debilità permanenti ta' 20%.

L-attriċi esebiet ukoll kopja ta' ittra uffiċjali bid-data tal-25 t'Awwissu, 2014, li ġiet mibgħuta lill-konvenuta[2], u li permezz tagħha l-konvenuta ġiet interpellata tersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni.

Il-konvenuta min-naħa tagħha esebiet kopja tar-rapport mediku redatt minn **Mr Frederick Zammit Maempel**[3], li fih jkkonstata li kien eżamina lill-attriċi wara l-inċident li kellha mal-vettura tal-konvenuta. Ix-xhud ikkonferma li konsegwenza tal-inċident l-attriċi baqgħet issofri minn uġigħ f'għonqha, u fis-swaba' ta' jdejha, li jsir aktar akut ma' ċerti movimenti, bħal meta titgħawweġ, meta tpoġġi jew tqatta' ħin bilwieqfa, jew meta tisgħol. L-uġigħ jintensifika mal-lejl. Ix-xhud ikkonsulta rekords mediċi tal-attriċi mill-*file* tagħha tal-Isptar, u kkonstata li fil-passat kien hemm inċident ieħor li fih weġġgħet daharha, kif ukoll kien hemm episodji ta' uġigħ fid-dahar li mmanifesta ruħu waqt it-tqala tal-attriċi. Madanakollu, il-konklużjoni ta' dan ix-xhud kienet illi –

---

[2] *A fol.* 9 tal-proċess.
[3] *A fol.* 19 tal-proċess.

> *"In the case of Ms. Bugeja, the accident certainly caused a jolting to the neck, as evidenced by the muscle spasm some hours later on xray. The clinical findings 28 months after the accident do not corroborate the pathology shown on MRI, and suggest a substancial subjective aetiology. Ms. Bugeja does not decribe any injury to her left elbow or right wrist at the time of the accident, and the EMG findings cannot be ascribed to the accident of October 2012. In conclusion, the jolting stirred up symptoms in her neck and back, which would be expected to settle with time. At worst the accident may have accelerated the rate of degenerative change in her spine – causing a minimal disability rated at 1% (one)."*

Il-konvenuta esebiet ukoll kopja tal-formola li timtela meta jkun hemm kolliżjoni '*Front-to-Rear*[4]*'*, kopja tas-*survey report* tas-soċjetà assiguratriċi Gasan Mamo Insurance[5], kif ukoll kopja ta' *discharge receipt*[6] li permezz tagħha l-attriċi kkonfermat li bintha minuri, **Naomi Marie Bugeja**, li kienet riekba magħha fil-vettura waqt il-ħin tal-inċident, ma sofriet l-ebda danni u ma kienet ser tressaq l-ebda talba la fir-rigward ta' danni materjali u lanqas talba għal-likwidazzjoni ta' danni futuri.

L-attriċi **Nadia Bugeja** għażlet li tixhed bil-mezz tal-*affidavit*[7], fejn qalet li fl-10 ta' Ottubru, 2012 hi kienet qiegħda ssuq vettura tal-għamla Mitsubishi Lancer bin-numru ta' reġistrazzjoni ABT 098 fi Triq Ġorġ Borg Olivier, f'San Ġiljan, meta daħlet fiha l-konvenuta li kienet qiegħda ssuq il-vettura tat-tip Toyota Aygo bin-numru ta' reġistrazzjoni HBH 268. L-attriċi qalet li rekbin magħha fil-vettura tagħha kien hemm żewġt itfal minuri, u li l-konvenuta kienet qaltilha li kienet ħadet żball meta minflok għafset il-pedala tal-*brake*, kienet għafset il-pedala tal-gass, għaliex fixkilha t-tifel fil-karozza. L-attriċi kompliet tgħid li mad-daqqa hi bdiet tistordi u li mill-ewwel ħasset uġigħ li hi ddeskrivietu bħala 'tremend'

[4] *A fol.* 23 tal-proċess.
[5] *A fol.* 24 tal-proċess.
[6] *A fol.* 31 tal-proċess.
[7] *A fol.* 43 tal-proċess.

f'għonqha u f'daharha tant li ma setgħetx timxi, u li l-konvenuta kienet qaltilha li hi tabiba u li hi kellha *whiplash injury.* L-attriċi qalet li kienet il-konvenuta li mliet il-formola tal-*bumper to bumper*, u li l-konvenuta kienet qaltilha biex ma tiċċaqlaqx u li ma setgħetx tibqa' fuq il-post tal-inċident minħabba li kienet mgħaġġla ħafna. L-attriċi qalet li mad-daqqa hi ħasset uġigħ kbir f'għonqha u f'daharha li baqa' nieżel f'saqajha l-leminija, u qalet ukoll li mad-daqqa l-vettura tagħha mxiet 'il quddiem minkejja li dak il-ħin hi kienet wieqfa fit-traffiku. Hi qalet li kienet ittieħdet fl-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei, u li wara li ġiet eżaminata u nstab li ma kellhiex ksur, hi ngħatat kullar mill-Isptar u xi mediċina għall-uġigħ, għalkemm ingħatat il-parir biex tirritorna lura l-Isptar f'każ li l-uġigħ jippersisti. L-attriċi qalet li fil-fatt l-uġigħ ippersista, u li xi ġranet wara hi marret fl-Isptar Saint James, Ħaż-Żabbar. L-attriċi qalet li minn ġimgħa ta' sebat ijiem, hi tqatta' ħamest ijiem muġugħa, u għadha tbati ħafna kuljum, tant li tieħu ħafna mediċini għall-uġigħ, tbati mill-uġigħ ta' rasijiet, tmur għand it-tabib diversi drabi, u la tista' tqatta' tul ta' ħin bilwieqfa u lanqas bilqiegħda. L-attriċi kellha tiġi riferuta għand speċjalista tal-għonq, u dan minħabba li hi tbati minn uġigħ ta' kuljum. Qalet li ġieli idha ċċedi minħabba l-uġigħ, tant li mhux l-ewwel darba li nstamtet hi u ssajjar, filwaqt li jiġu ġranet li ma tkunx tista' torqod minħabba fl-uġigħ li tħoss. L-attriċi Nadia Bugeja qalet li hija mara tad-dar, imma ħafna mix-xogħol tad-dar m'għadhiex tista' tagħmlu tant li minn Novembru 2012 kellha ġġib *helper*, u li l-indikazzjonijiet huma li ser ikollha tibqa' ġġib l-għajnuna biex tkun tista' tagħmel dak li hemm bżonn fid-dar. Qalet li faċendi ta' kuljum, bħat-tiwi tal-ħwejjeġ, it-tisjir, l-inxir, il-ġarr tax-xiri m'għadhiex tista' tagħmlu, u qalet li s-sitwazzjoni li qiegħda fiha hi diffiċli partikolarment minħabba li hi mhix imdorrija tiddependi fuq in-nies. L-attriċi Nadia Bugeja qalet li hi għandha r-raġel u ħamest itfal id-dar, tlieta minnhom minuri, u li din id-dipendenza fuq

ħaddieħor kissritha anki mentalment. Qalet li jkun hemm drabi li tkun imdejqa ħafna minħabba fil-limitazzjonijiet ġodda li għandha fuq ħajjitha, u li kellha tixtri *motor bed* biex tkun tista' tidħol u toħroġ fis-sodda b'mod aktar faċli. Qalet ukoll li għal żmien twil hi ma setgħetx issuq. L-attriċi rreferiet għar-rapport tal-kirurgu ortopediku Mr Thomas Azzopardi li stabbilixxa li hi qiegħda tbati minn debilità permanenti ta' 20%, u qalet li għad li fil-passat kienet saritilha operazzjoni minħabba *slip disk,* kien biss minħabba dan l-inċident li ħajjitha spiċċat limitata kif inhi.[8]

L-attriċi esebiet ukoll għadd ta' rċevuti għal oġġetti li hi kellha tixtri konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża[9], fosthom *tumble dryer* fis-somma ta' €480[10], *motor bed* fis-somma ta' €395.[11] L-attriċi esebiet ukoll kopja ta' irċevuta għar-rapport mediku li ħejja Mr Thomas Azzopardi għas-somma ta' €200[12], irċevuti għal visti għand it-tobba fis-somma ta' €130[13], irċevuti għal mediċina li swiet €274.15[14], irċevuti għal visti u mediċina li swew €243[15], irċevuti għal visti għand it-tobba għas-somma ta' €100[16], irċevuti għal mediċini li swew €176.02[17], irċevuti għal mediċina li swiet €172.91[18], irċevuti għal mediċina li swiet €118.28[19], irċevuti għal mediċina li swiet €281.96[20], irċevuti għal mediċina li swiet €129.54[21], irċevuti għal mediċina li swiet €247.32[22], irċevuti għal mediċina li swiet

---

[8] Fi kliem ix-xhud, "[j]ien naf x'għamilli dan l-inċident u nista' nikkonferma li kien biss minħabba dan l-inċident li jien spiċċajt kif jien għax jien kont inħossni tajba ħafna sa ma seħħ l-inċident."
[9] *A fol.* 47 tal-proċess.
[10] *A fol.* 48 tal-proċess.
[11] *A fol.* 49 tal-proċess
[12] *A fol.* 50 tal-proċess.
[13] *A fol.* 50 tal-proċess.
[14] *A fol.* 51 tal-proċess.
[15] *A fol.* 52 tal-proċess.
[16] *A fol.* 53 tal-proċess.
[17] *A fol.* 54 tal-proċess.
[18] *A fol.* 55 tal-proċess.
[19] *A fol.* 56 tal-proċess.
[20] *A fol.* 57 tal-proċess.
[21] *A fol.* 58 tal-proċess.
[22] *A fol.* 59 tal-proċess.

€156.71[23], għal total ta' €3,104.89.[24] L-attriċi qalet ukoll li hi tonfoq bejn €70 u €100 f'mediċina fil-ġimgħa, u tħallas €60 lill-*helper* li tmur tgħinha.

Fl-udjenza tal-1 ta' Frar, 2016, il-Qorti ħatret lil **Mr Carmel Sciberras** bħala espert mediku sabiex jeżamina lill-attriċi u jirrelata dwar in-natura tad-debilità sofferta minnha konsegwenza ta' dan l-inċident. Fil-fatt dan l-espert mediku ppreżenta r-rapport tiegħu fl-10 ta' Marzu, 2016[25], fejn elenka l-problemi li qiegħda ssofri minnhom l-attriċi anki b'riferiment għall-*file* mediku tagħha. L-attriċi ppreżentat ruħha b'diversi problemi, fosthom b'uġigħ u għebusija f'għonqha, problemi biex torqod, uġigħ f'daharha li jinżel sa saqajha, titrix f'idejha, u dawn is-sintomi kollha qegħdin jillimitawlha ħajjitha minħabba li la tista' taqra fit-tul, ma tistax toqgħod quddiem kompjuter, għandha bżonn l-għajnuna fid-dar, u għandha bżonn l-għajnuna biex tagħmel l-affarijiet personali tagħha. Mr Sciberras jgħid li l-attriċi għamlet ħafna sessjonijiet ta' fiżjoterapija u kellha tieħu diversi mediċini, iżda dawn ftit ħallew effett. L-espert mediku Carmel Sciberras irrelata li l-attriċi ħadet skoss f'għonqha minħabba fl-inċident li kellha, li wassal għal qris fin-nervituri. Aktarx li t-titrix li l-attriċi tħoss f'idejha hu kkawżat minn qris fil-*median nerve* tal-polz *(carpal tunnel syndrome)*, għalkemm ix-xhud wera dubju jekk din kinitx konsegwenza diretta tal-inċident jew le. L-espert mediku Mr Sciberras qal li l-iskoss li ħadet l-attriċi bl-inċident aktarx li qanqal il-post fejn xi snin qabel hi kienet ġiet operata. Fil-parti konklussiva tar-rapport tiegħu x-xhud qal li l-attriċi ġarrbet ħsara f'għonqha kif ukoll f'daharha konsegwenza ta' dan l-inċident. Qal li kien hemm ħwejjeġ li ppredisponew għall-effetti li ġarrbet bħall-artrire fis-sinsla tal-għonq u l-operazzjoni li għamlet fis-sinsla tad-dahar, iżda dawn ma ġewx

---

[23] *A fol.* 60 tal-proċess.

[24] Il-Qorti ma tqisx li konferma tal-pagament permezz ta' *credit card* huwa rċevuta valida għall-finijiet ta' kalkolu tad-*damnum emergens.* Ġew eleminati wkoll minn dan il-kalkolu nfiq f'*toiletries, cosmetics, health products* u mediċini varji li mhumiex relatati mad-debilità permanenti sofferta mill-attriċi b'konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża.

[25] *A fol.* 68 tal-proċess.

ikkawżati bl-inċident, għalkemm tqanqlu minħabba fih. Dan kollu wassal biex l-attriċi kellha tagħmel ċertu tibdil fl-istil ta' ħajja tagħha. Ix-xhud ikkonkluda li d-debilità permanenti sofferta mill-attriċi b'konsegwenza tal-inċident hija ta' tnax fil-mija (12%).

Il-konvenuti ma qablux ma' dawn il-konklużjonijiet tal-espert mediku Mr Sciberras, u talbu l-ħatra ta' perizja perizjuri. Għal dan il-għan il-Qorti ħatret lil **Mr Ray Gatt**, lil **Mr Ivan Esposito** u lil **Dr Josanne Aquilina** bħala esperti mediċi addizzjonali li eżaminaw lill-attriċi fit-22 ta' Settembru, 2016. In segwitu għal dan l-eżami, l-esperti mediċi ħejjew ir-rapport mediku tagħhom[26], fejn ikkonstataw li l-attriċi għadha ssofri minn diversi uġigħ f'għonqha u f'partijiet ta' daharha u spallejha konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża.

> "Din il-weġgħa possibilment ġejja minn moviment tal-għonq ngħidulu flexion / extension tas-sinsla tal-għonq. L-eżami newroloġiku juri evidenza ta' Cervical Radiculopathy fil-livell C6-7-8 fuq ix-xellug. Waqt l-eżami sofriet ukoll minn Dystonia qawwija fir-riġel tal-lemin.
>
> L-eżamijiet radjoloġiċi jinkludu MRI scan tas-sinsla ċervikali li sar sentejn ilu. Għall-fini ta' dan ir-rapport tlabna MRI scan ieħor tas-sinsla kollha. Dan sar fil-5 ta' Diċembru 2016. Dan juri li hemm disc disease f'diversi livelli tal-ispina kollha hekk kif deskritt fir-rapport mehmuż.
>
> Hi sa issa dejjem ikkurat ruħha b'mod konservattiv.
>
> Jidhrilna li din il-pazjenta ġarrbet diżabilità fiżika permanenti ta' Cervical Radiculopathy fuq ix-xellug bħala riżultat tal-flexion / extension injury tal-għonq (cervical spine) li tappartjeni lin-naħa Ortopedika u Nevroloġika ta' 15-18%."

Il-kontroeżamijiet ta' dawn l-esperti mediċi nżammu fl-udjenza tal-11 ta' Diċembru 2017. **Mr Ray Gatt**[27] xehed li sabiex tħejja dan ir-rapport, l-esperti

---

[26] Kopja *a fol.* 93 tal-proċess.

[27] *A fol.* 106 tal-proċess.

mediċi ma kinux ikkonsultaw il-*file* mediku tal-attriċi, fejn kien hemm riferiment għal inċident ieħor li hi kellha xi snin qabel. Ix-xhud qal li l-konklużjonijiet tal-esperti mediċi huma bbażati fuq MRI li kien sar fiż-żmien meta huma eżaminaw lill-attriċi. Dan kien ikkonfermat minn **Dr Josanne Aquilina**[28] u minn **Mr Ivan Esposito**.[29]

Fl-istess udjenza sar il-kontroeżami tal-attriċi[30], li kkonfermat li hija kienet mara tad-dar fiż-żmien tal-inċident, u li kienet għadha mara tad-dar. L-attriċi ġiet mistoqsija dwar il-mitraħ motorizzat, u din qalet li kien il-Professur Azzopardi li kien qalilha li jkun aħjar li jkollha sodda *reclining* sabiex tgħinha tqum mis-sodda b'mod aktar faċli. L-attriċi kkonfermat li hi kienet involuta f'inċident tat-traffiku ieħor, għalkemm ma ftakritx jekk dan kienx qabel l-inċident mertu ta' din il-kawża jew wara. Qalet biss li konsegwenza tal-inċident l-ieħor hi ma sofriet l-ebda ġrieħi.

Il-kontroeżami tal-attriċi tkompla fl-udjenza tat-23 ta' Frar, 2018[31], fejn esebiet kopja ta' ċertifikat li jindika x'pilloli tieħu. L-attriċi kkonfermat li hi kellha inċident waqt li kienet riekba f'vettura fl-1997, u li dakinhar hi kienet marret l-Isptar minħabba li kienet fil-bidu tat-tqala tagħha u xtaqet tkun ċerta li ma ġrat l-ebda ħsara lit-tarbija, u mhux minħabba li kienet weġġgħet f'dak l-inċident. L-attriċi esebiet ukoll kopja ta' rapport imħejji minn **Mr Thomas Azzopardi** fejn dan ikkonstata li hu kien ta parir lill-attriċi tixtri sodda motorizzata.[32]

---

[28] *A fol.* 108 tal-proċess.
[29] *A fol.* 110 tal-proċess.
[30] *A fol.* 112 tal-proċess.
[31] *A fol.* 123 tal-proċess.
[32] *A fol.* 125 tal-proċess.

Il-kontroeżami tal-attriċi **Nadia Bugeja** kompla fl-udjenza tat-23 ta' Mejju, 2018[33], fejn ikkonfermat li kien Mr Thomas Azzopardi li taha l-parir li tixtri *tumble dryer* u sodda motorizzata. Ix-xhud ikkonfermat li hi ġġib persuna jisimha Justine Aquilina sabiex tgħinha fid-dar, u li b'kollox minn dakinhar tal-inċident ħallsitha total ta' tmint elef u erbgħin Euro (€8,040). Mistoqsija jekk fid-dar għandhomx mutur *(motorcycle)*, l-attriċi wieġbet fl-affermattiv u qalet li meta tħossha tajba, ġieli tirkbu. L-attriċi qalet ukoll li wara li waqfet taħdem il-*helper* Justine Aquilina, kellha tfittex l-għajnuna ta' persuna oħra.

Il-konvenuta ressqet rikors fil-21 ta' Mejju, 2018[34], fejn talbet lill-Qorti tordna l-isfilz tar-rapport tal-esperti mediċi addizzjonali, u dan minħabba li dawn ikkonfermaw li ma kinux ikkonsultaw il-*file* mediku tal-attriċi li jinsab l-Isptar, u kkonkludew li din kienet qiegħda tbati minn debilità permanenti ta' bejn 15 u 18% mingħajr allura ma ħadu konsiderazzjoni tal-fatt li fil-passat l-attriċi kellha *lumbar lanimectomy, fracture of the left clavicle* u *arthroscopy* fl-irkoppa tal-lemin, liema fatturi setgħu affettwaw l-istat ta' saħħa tal-attriċi wara l-inċident. Il-konvenuta rreferiet ukoll għall-fatt li fir-rapport addizzjonali tagħhom, il-periti mediċi addizzjonali għamlu riferiment għall-pazjenta bl-isem Mrs Coleiro, u mhux għal isem l-attriċi, u in vista ta' dan talbet lill-Qorti taħtar esperti ġodda biex jirrelataw. Madanakollu f'digriet mogħti fil-25 ta' Ġunju, 2018, il-Qorti wara li rat ir-risposta tal-attriċi, ċaħdet din it-talba stante li l-periti addizzjonali sabiex waslu għall-konklużjonijiet tagħhom straħu fuq MRI li sar mill-ġdid qabel ma eżaminaw l-attriċi u r-rapport tagħhom jindika l-operazzjonijiet kollha li għaddiet minnhom l-attriċi fil-passat.

[33] *A fol.* 707B tal-proċess.
[34] *A fol.* 707F tal-proċess.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Minkejja li l-ewwel talba tal-attriċi hi biex din il-Qorti tiddikjara li l-konvenuta hi responsabbli għall-inċident de quo, ġie eċċepit mill-konvenuta li hi diġà aċċettat ir-responsabbilità tagħha għal dan l-inċident, u għaldaqstant dak li jifdal xi jsir mill-Qorti huwa li l-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attriċi konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża.

Il-punt kontenzjuż f'din il-proċedura kien dwar il-grad ta' debilità permanenti soffert mill-attriċi, mara tad-dar li dakinhar tal-inċident kellha wieħed u erbgħin (41) sena, u li wara li ġiet eżaminata minn għadd ta' esperti mediċi ġie stabbilit li hija qiegħda ssofri minn debilità permanenti, li tvarja fil-grad minn espert mediku għal ieħor, tant li pereżempju Mr Thomas Azzopardi kkonstata li l-attriċi qiegħda ssofri minn debilità permanenti ta' 20% minħabba l-uġigħ li jkollha fi spallejha u f'daharha, filwaqt li Mr Fredrick Zammit Maempel qal li l-grad ta' debilità permanenti soffert mill-attriċi hu ta' 1%, stante li uħud mis-sintomi li hi tħoss m'humiex konsegwenza diretta tal-inċident. L-esperti mediċi maħtura mill-Qorti wkoll ma qablux bejniethom dwar il-grad ta' diżabilità tagħha, u filwaqt li Mr Carmel Sciberras ikkonkluda li l-attriċi għandha debilità permanenti ta' 12%, il-periti addizzjonali Mr Ray Gatt, Mr Ivan Esposito u Dr Josanne Aquilina li eżaminaw lill-attriċi kkonkludew li din għadha debilità permanenti ta' bejn 15% u 18%. Il-Qorti kkonsidrat il-fatt li l-esperti mediċi maħtura minnha huma dawk li l-aktar li qablu bejniethom dwar il-grad ta' debilità soffert mill-attriċi, u għalhekk għall-finijiet tal-komputazzjoni matematika li trid issir sabiex jiġi stabbilit it-telf ta' qligħ futur soffert mill-attriċi, ser tkun qiegħda tiffissa l-grad ta' debilità permanenti bħala li hu ta' 15%.

Mill-provi jirriżulta mill-kopji tal-irċevuti esebiti li l-attriċi sofriet danni materjali/*damnum emergens* fis-somma ta' €3,104.89. Il-Qorti hawnhekk mhix tikkonsidra dak li xehdet l-attriċi li hija ħtiġilha timpjega *helper* sabiex tgħinha fix-xogħol tad-dar, u li din tħallset l-ammont ta' €8,040 tul is-snin li hija kienet ilha tagħmel użu mis-servizzi ta' din il-persuna, u dan minħabba li ma nġabet l-ebda prova fir-rigward. Il-Qorti, filwaqt li tifhem li inċident bħal dak inkwistjoni ċertament li jħalli impatt qawwi fuq il-kwalità tal-ħajja tal-persuna li tgħaddi minnu, madanakollu tqis li f'dawn it-tip ta' ċirkostanzi hu importanti li kull pretensjoni għal-likwidazzjoni tad-danni tkun sostnuta minn prova, li f'dan il-każ ma nġabitx. Ma nġabet ebda prova lanqas fir-rigward ta' dak li ġie allegat mill-attriċi li fil-futur se jibqa' jkollha nfiq ta' bejn €70 u €100 f'mediċini fil-ġimgħa konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża.

M'hemm l-ebda dubju li minkejja li l-attriċi hija mara tad-dar, hija xorta waħda għandha tiġi kkumpensata għal telf ta' qligħ li setgħet sofriet minħabba f'dan l-inċident. F'deċiżjoni fejn il-mertu kien simili ħafna għal dak odjern, fl-ismijiet **Mary Farrugia *vs.* Agnes Borg et**[35], il-Qorti qalet:

> "Ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet illi l-attriċi għalkemm mara tad-dar u nonostante li ma tipperċepixxix paga mingħand datur tax-xogħol uffiċjali, hija xorta hija intitolata għal kumpens ta' telf ta' qliegħ. Dan huwa prinċipju ben stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna kurrenti u ċioe għalkemm mara miżżewġa ma kellhiex impjieg fiż-żmien tal-korriment, xorta jistħoqqilha tingħata kumpens adegwat għall-ġrieħi sofferti minnha fl-inċident dannuż siccome llum huwa ġustament meqjus illi x-xogħol ta' mara tad-dar jista' jissarraf f'ħidma ekonomika, għalhekk illum huwa paragonat ma' impjieg bi qliegħ effettiv."

[35] P.A., 24.10.2016.

Element diskrezzjonali u li jagħti lok għal diverġenzi fl-iffissar tal-kumpens dovut f'każijiet ta' din ix-xorta, huwa l-element tal-*multiplier,* li fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Vassallo et noe *vs.* Carmelo Pace**[36] ġie stabbilit li huwa -

> "In-numru ta' snin adottat bħala multiplier m'għandux ikun ibbażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-danneġġjat iżda fuq l-aspettattiva tal-ħajja lavorattiva tiegħu u għalhekk jittieħdu in kunsiderazzjoni ċ-'chances and changes of life'.
> ...
> Minbarra dan il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija fil-massimu tal-multiplier, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel l-inċident. Illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-età tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji."

L-artikolu 1045 (1) tal-Kodiċi Ċivili jistabbilixxi illi:

> "Il-ħsara li persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għamil tagħha jkun ġab direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, total jew parzjali, li dak l-għamil seta' jġib."

F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-18 ta' Frar, 2013, fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**, il-Qorti qalet:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li

[36] Q.A., 05.03.1986.

> jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna l-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hi regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'dan il-każ, il-Qorti qieset li *multiplier* ġust hu ta' 20, peress li l-attriċi kellha l-età ta' 41 sena meta seħħ l-inċident, u persuna fl-età tagħha għad trid taħdem almenu sal-età ta' 65 sabiex tilħaq l-età tal-pensjoni.

F'ċirkostanzi bħal dawn, il-Qorti tqis il-kejl tal-paga minima nazzjonali bħala l-paga bażika li fuqha għandha ssir il-komputazzjoni tad-danni sofferti, li fis-sena 2012, is-sena li fiha seħħ l-inċident, kienet ta' €8,221.72[37] ossija dħul nett ta' €7,399.71. Din il-paga trid tiġi aġġustata għall-għoli tal-ħajja[38] għall-perijodu kollu tal-*multiplier*, sabiex b'hekk is-salarju bażiku li ser tkun qiegħda taħdem fuqu l-Qorti huwa ta' €7,399.71 + €8,820.45 / 2 = €8,110.08. Huwa dan l-ammont ta' salarju bażiku li l-Qorti ser tieħu għall-fini tal-komputazzjoni li trid tagħmel.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*.

Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu

[37] Skont L.S. 452.71.

[38] F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe**, il-Qorti stabbiliet illi, "[m]eta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*." Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, li hija r-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38%(2013) + 0.31%(2014) + 1.10%(2015) + 0.64%(2016) + 1.37%(2017) ÷ 5= 0.96%}.

għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi ppreżentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Il-kawża nfetħet fis-sena 2015, u ser tinqata' ftit anqas minn tliet snin wara li kien hemm l-ewwel udjenza. Ma jistax jintqal li kien hemm xi delungar da parti ta' xi ħadd jew ieħor mill-partijiet.

Is-salarju medju ta' €8,110.09 x *multiplier* ta' 20 x 15% diżabilità permanenti sofferta mill-attriċi, iwasslu għal ċifra ta' €24,330.27, li meta ridotta b'20% *(lump sum payment),* tiġi **€19,464.22.** Dan huwa l-*lucrum cessans* likwidat mill-Qorti, li meta magħdud mas-somma ta' €3,104.89 rappreżentanti d-*damnum emergens* soffert mill-attriċi, jiġi stabbilit li l-ammont totali li għandu jitħallas mill-konvenuta lill-attriċi *in linea* ta' danni fis-somma ta' **€22,569.11**.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta;**

2. **In vista li r-responsabbiltà għall-inċident mertu tal-kawża ma kinitx ikkontestata, tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi konsegwenza tal-imsemmi inċident fis-somma ta' tnejn u għoxrin elf, ħames mija u disgħa u sittin Euro u ħdax-il ċenteżmu (€22,569.11);**

3. **Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi s-somma hekk likwidata in linea ta' danni.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenuta.**

Moqrija.